A.L. 122 ta' l-1991

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI ("STOCK" U TITOLI REĠISTRATI) KAP. 161

Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi, għall-Ħruġ ta' Lm500,000 3% Stock Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 2001

(IT-TIENI ĦRUĠ)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4(1)(a) ta' l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati) Kap. 161, il-Ministru tal-Finanzi awtorizza l-ħruġ ta' Lm500,000 3% *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 2001 (it-Tieni Ħruġ) kif ġej:—

Mod tal-ħruġ ta' l-i*Stock*.

1. L-i*Stock* jinħareġ bil-prezz ta' Lm100 fil-mija u jingħata fuq applikazzjoni. Meta jitħallas għal kollox l-i*Stock* jiġi reġistrat. Applikazzjonijiet għall-għoti ta' l-i*Stock* jiftħu t-Tnejn, 5 ta' Awissu, 1991 fid-9.00 a.m. u jagħlqu f'nofs in-nhar ta' nhar is-Sibt, is-17 ta' Awissu, 1991 jew qabel fid-diskrezzjoni ta' l-*Accountant General*.

Somma ta' flus li għandha tinġabar

2. Is-somma ta' flus li għandha tinġabar bl-i*Stock* tkun ta' Lm500,000.

Rata ta' imgħax u dati tal-ħlas.

3. L-imgħax għandu jitħallas b'lura kull sitt xhur fis-17 ta' Awissu u fis-17 ta' Frar ta' kull sena matul il-kors ta' l-i*Stock* . L-ewwel ħlas ta' Lm1.50,0 kull Lm100 *Stock* relattivament għall-perijodu bejn it-18 ta' Awissu, 1991 u s-17 ta' Frar, 1992, għandu jsir fis-17 ta' Frar, 1992.

Eżenzjoni minn ħlas ta' Taxxi.

4. Dan l-i*Stock* huwa eżentat mill-ħlas tat-Taxxa tal-Mewt u Donazzjoni u l-imgħax fuq dan l-i*Stock* huwa eżentat mill-ħlas tat-Taxxa l-*Income*.

Rata ta' kontribuzzjoni għall-ammortizzament.

5. Approprjazzjoni kull sitt xhur ta' mhux anqas minn Lm5,000 mid-dħul ġenerali u mill-attiv tal-Gvern ta' Malta għandha ssir bħala kontribuzzjoni għall-fond ta' ammortizzament sabiex jifdi l-i*Stock*. L-ewwel kontribuzzjoni għandha ssir fi żmien tliet snin mit-18 ta' Awissu, 1991.

Fidwa ta' *Stock*.

6. L-i*Stock* għandu jiġi mifdi bir-rata ta' Lm100 għal kull Lm100 *Stock* f'dik id-data bejn l-1 ta' Jannar, 2001 u l-31 ta' Diċembru, 2001 (iżżewġ dati magħdudin) kif jiġi stabbilit mill-*Accountant General* u avżat fil-Gazzetta. L-i*Stock* jinfeda biss mal-konsenja taċ-Ċertifikat ta' l-i*Stock* maħruġ.